# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 471/2012/3JZM**

**Adrian Theuma**

**v.**

**RLR Limited**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Adrian Theuma, minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Jannar, 2020 li permezz tagħha astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tielet eċċezzjonijiet, laqgħet ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet u ċaħdet it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-11 ta' Mejju, 2012, l-attur ifisser li huwa xtara mingħand il-kumpanija konvenuta magna ġdida, tat-tip *outboard* tad-ditta ETEC 90 HP għall-prezz ta' €7,735.20. Jgħid illi wara biss 100 siegħa ta' użu, din il-magna ma baqgħetx ittella *'revolutions per minute'* daqskemm suppost, b'dan li l-*performance* tal-magna bdiet tbati mill-ewwel, u bdiet tintefa' waħidha.

3. Jissokta jgħid li minkejja li l-kumpanija konvenuta ppruvat issewwi din il-magna bosta drabi, il-problema baqgħet ma ssolvitx. L-attur għalhekk jgħid li jirriżulta bl-iktar mod ċar li l-magna li huwa xtara mhix tal-kwalità miftehma, u ma sservix l-użu li kien intiż għaliha u li wassal lill-attur biex jixtriha. Jgħid li l-magna għadha taħt garanzija li tagħlaq fil-11 ta' Mejju 2012, u għalhekk dejjem kienet ben koperta, u l-kumpanija konvenuta kellha l-obbligu li ssewwi jew tibdel il-magna.

4. L-attur ikompli li wara bosta tentattivi sabiex jinsisti fuq id-drittijiet tiegħu taħt il-garanzija, u minkejja li pprova jasal għal ftehim bonarju mal-kumpanija konvenuta, huwa ma rnexxielux jikseb ebda rimedju skont il-liġi mingħandha. Jissokta jgħid li bl-iktar mod ċar, il-kumpanija konvenuta wriet li ma kinitx lesta twettaq l-obbligi tagħha skont il-ligi. Barra mill-konsiderazzjonijiet oħra ta' dritt, l-imġiba tal-kumpanija konvenuta

tikkostitwixxi wkoll ksur kuntrattwali billi ma onoratx il-garanzija mogħtija fuq il-magna.

5. L-attur jgħid ghalhekk li huwa ħassu mġiegħel li jiddepożita l-magna inkwistjoni formalment taħt l-awtorità tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu. Jgħid ukoll li għalkemm sejjaħ lill-kumpanija konvenuta, anke b'ittra uffiċjali tat-13 ta' April, 2012, din baqgħet inadempjenti. Minħabba f'hekk fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1) Tiddikjara li l-magna tat-tip ETEC 90HP mixtrija mill-attur mingħand is-soċjetà konvenuta ma taħdimx kif suppost, mhijiex tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet u separatament għal dan mhijiex assolutament tajba għall-użu intiż għaliha u li għalih intxtrat.*
> *2) Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta għandha l-obbligi illi tapplika fl-intier tagħha l-garanzija applikabbli għal bejgh de quo u li fil-każ odjern ma rrispettatx l-obbligi tagħha skont il-garanzija fuq il-magna.*
> *3) Tikkundanna s-soċjetà konvenuta tirrifondi lill-attur l-ammont ta' €7,735.20, rappreżentanti l-prezz imħallas, u/jew alternattivament tiġi rimpjazzata l-magna a spejjeż tas-socjetà konvenuta.*
> *4) Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur.*
> *5) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*
> *6) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' April 2012, u taċ-ċedola ta' depożitu li ppreċediet dawn il-proċeduri, u l-imgħax legali mid-data tal-bejgħ tal-magna, kontra s-soċjetà konvenuta, li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

6. Il-kumpanija konvenuta wieġbet fil-11 ta' Ġunju, 2012 b'risposta maħlufa fejn eċċepiet:

> *«1. Illi preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi ai termini tal-Art.1431 tal-Kap 16 u/jew tal-Art.2153 tal-Liġijiet ta' Malta.*
> *2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost in-nullità tal-azzjoni attriċi. Dana stante li r-rimedji li setà jipprevalixxi ruħu minnhom l-attur f'dan il-kuntest, kienu jew li jrodd il-magna lura u jitlob*

*il-prezz intier tagħha (actio redhibitoria), jew alternattivament li jżomm il-magna u jitlob lill-Qorti li jiġi mħallas lura parti mill-prezz tal-istess magna (actio aestimatoria). Illi l-attur beda juża l-magna inkwistjoni fil-11 ta' Mejju 2009 u baqa' jużah għal numru ta' snin. Illi kien biss fl-10 ta' Mejju 2012 wara li l-magna tellgħet mijiet ta' sigħat ta' użu li ddeċieda jiddepożita l-magna inkwistjoni taħt l-awtorità tal-Qorti. Fil-kuntest ta' dana kollu, hija insostenibbli t-talba għar-rifużjoni tal-prezz ta' €7,735.20.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sta għall-attur jidentifika l-azzjoni minnu promossa, u jekk si tratta ta' actio redhibitoria, actio aestimatoria, azzjoni ta' danni, jew waħda bażata fuq ksur ta' obbligi kuntrattwali.*

*4. Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt kif ukoll fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent Adrian Theuma.*

*5. Illi l-attur ma sofra l-ebda danni li jistgħu jiġu attribwiti għal xi difett fil-magna mibjugħa da parti tas-soċjetà konvenuta, nonostante l-fatt illi minkejja li mhux koperti bil-garanzija, mingħajr ebda ħlas. Hija għalhekk is-soċjetà konvenuta illi se mai soffriet danni.*

*6.Illi l-attur ma jistax jitlob illi jiġu applikati kundizzjonijiet ta' garanzija illi ormai, kif iddikjara l-attur stess, skadiet fil-11 ta` Mejju 2012.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.»*

7. Fis-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2012 l-avukat tal-attur iddikjara li l-kawża saret fuq pretensjoni ta' bejgħ mhux skont il-kwalità pattwita u mhux fuq bejgħ milqut minn difetti moħbija.

8. Il-kumpanija konvenuta talbet il-permess (li ntlaqa') sabiex tressaq eċċezzjoni ulterjuri li taqra hekk:

*«Illi in linea preliminari, l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1407(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.»*

9. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-kumpanija konvenuta permezz ta' deċiżjoni mogħtija nhar it-8 ta' Jannar, 2013 fejn laqgħet din l-eċċezzjoni ulterjuri u ddikjarat li l-attur

iddekada mid-dritt ta' azzjoni kontra l-kumpanija konvenuta b'riħet l-**Artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili** u għaddiet biex tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.

10. L-attur ippreżenta appell minn dik id-deċiżjoni, liema appell ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Novembru, 2017. Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat u ddeċidiet hekk:

> *«15. L-eċċezzjoni taħt l-art. 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili tressqet wara li l-attur, fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2012 quddiem l-ewwel qorti, iddikjara "għal fini ta' aktar kjarezza … illi l-kawża saret fuq pretensjoni ta' bejgħ mhux skont il-kwalità pattwita u mhux fuq bejgħ affett minn difetti moħbija".*
>
> *16. Il-konvenuta fehmet – u l-ewwel Qorti qablet magħha – illi b'din l-istqarrija l-attur kien qiegħed igħid illi l-azzjoni hija waħda taħt l-art. 1390[1] tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk ressqet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 1407(1)[2]. Fil-fatt it-talba biex titressaq l-eċċezzjoni tgħid hekk:*
>
> > *«Illi in linea mal-verbal tal-istess seduta fejn l-attur iddikjara illi l-azzjoni tiegħu hija ppernjata fuq l-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà konvenuta tixtieq illi tippreżenta eċċezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-azzjoni kif bażata fuq l-artikolu ċitat huwa preskritt ai termini tal-artikolu 1407(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.»*
>
> *17. Fil-fatt, iżda, mhuwiex minnu illi "l-attur iddikjara illi l-azzjoni tiegħu hija ppernjata fuq l-artikolu 1390"; il-kliem "kwalità pattwita" li nsibu fl-istqarrija tal-attur mhuwiex xi kliem sagramentali li minnufih jitfa' l-azzjoni taħt l-art. 1390. L-obbligazzjoni ta' bejjiegħ li jikkonsenja l-ħaġa bil-kwalitajiet kollha miftiehma bejnu u x-xerrej ma toħroġx biss ex lege iżda tista' toħroġ ukoll minn ftehim, u għalhekk in-nuqqas ta' kwalità miftiehma jagħti azzjoni kemm taħt l-art. 1390 u kemm taħt il-garanzija kuntrattwali. Il-fatt illi l-attur qabel li l-kawża tibqa' għas-sentenza dwar il-preskrizzjoni taħt l-art. 1407(1) ma jfissirx li qabel ukoll illi dik il-preskrizzjoni tgħodd għall-każ.*
>
> *18. Tassew illi r-rikors maħluf seta' sar aħjar biex juri illi l-azzjoni kienet qiegħda ssir, jew kienet qiegħda ssir ukoll, taħt il-garanzija kuntrattwali. Madankollu, fir-rikors maħluf jingħad ċar kemm fil-premessi – "illi l-*

---

*[1] 1390. Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

*[2] 1407. (1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjigħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef għeluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt.*

*makna de quo hija koperta taħt garanzija li tiskadi fil-11 ta' Mejju 2012"; illi l-attur "jasserixxi d-drittijiet tiegħu taħt il-garanzija"; u "s-soċjetà konvenuta … ma onoratx il-garanzija mogħtija fuq il-makna" – kif ukoll fit-talbiet – "tiddikjara … li s-soċjetà konvenuta għandha l-obbligi illi tapplika fl-intier tagħha l-garanzija applikabbli għall-bejgħ de quo" – illi l-azzjoni saret taħt il-garanzija, u għalhekk qalet ħażin l-ewwel Qorti illi l-attur "għażel li jwarrab fil-ġenb il-warranty".*

*19. Isegwi għalhekk illi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti, imsejsa fuq il-premessa żbaljata illi l-azzjoni hija dik taħt l-art. 1390, hija wkoll ħażina.*

*20. Biex ma jinħoloq ebda ekwivoku, il-qorti tgħid illi kull ma qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza hu illi s-sentenza appellata hija ħażina għax tgħid illi l-azzjoni saret biss taħt l-art. 1390 u għalhekk tintlaqat bil-preskrizzjoni taħt l-art. 1407(1); il-kwistjoni jekk il-garanzija kuntrattwali hijiex applikabbli għall-każ u għat-talbiet tal-attur, u jekk l-azzjoni taħt il-garanzija wkoll waqgħetx bil-preskrizzjoni tibqa' bla preġudizzju billi s-sentenza appellata ma kinitx dwar hekk.*

*21. Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn qalet li l-azzjoni sa fejn magħmula taħt l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili waqgħet bil-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 1407(1) u tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet tal-attur fuq il-premessa żbaljata li l-azzjoni kienet biss taħt l-Artikolu 1390.*

*L-ispejjeż fl-ewwel grad ta' dan l-episodju jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet u dawk tal-appell tħallashom il-konvenuta.»*

11. Permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Mejju, 2018 l-attur iddikjara li l-kwistjoni kollha hija dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-garanzija fuq il-mutur *de quo,* billi dan ma kienx ta' kwalità tajba u ma kienx jaħdem sew, u d-danni li ġarrab bħala konsegwenza tal-istess.

12. Permezz ta' nota konġunta tat-23 ta' Mejju, 2018, il-partijiet iddikjaraw li t-talbiet u l-eċċezzjonijiet li ma kinux għadhom ġew deċiżi kienu mit-tieni sas-sitt talbiet attriċi, u mit-tielet sas-sitt eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta.

13. Imbagħad, b'sentenza finali mogħtija nhar it-30 ta' Jannar, 2020 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dwar it-talbiet u dwar l-eċċezzjonijiet li baqgħu mhux deċiżi bis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2017 billi: -*

*Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) eċċezzjonijiet stante li dawn kienu rinunzjati fil-mori tal-kawża.*

*Tilqa' r-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) eċċezzjonijiet.*

*Tiċħad it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba'(4), il-ħames (5) u s-sitt (6) talbiet.*

*Bla ħsara għal dak li kien deċiż mill-Qorti tal-Appell dwar l-ispejjeż fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 2017, tordna li l-ispejjeż kollha relatati mas-sentenza tal-lum għandhom jitħallsu mill-attur.»*

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«**III. Konsiderazzjonijiet***

*Tibda billi tosserva li l-akkwist mill-attur tad-dinghy u l-mutur saru għal skopijiet rikrejattivi. Tant hu hekk illi l-garanzija li ngħatat fir-rigward tal-mutur kienet propju dik illi tingħata meta l-użu mill-mutur ikun dikjarat illi ser ikun limitat għal użu rikrejattiv.*

*Hemm qbil illi għall-każ tal-lum kellha tapplika garanzija ta' tliet snin jew ta' 750 siegħa, skont liema minn dawn, tavvera ruħha l-ewwel.*

*Tajjeb jingħad illi rriżulta li fil-każ ta' użu għal skopijiet kummerċjali (u allura fejn ikun qed isir użu aċċentwat tal-mutur) il-garanzija kellha applikazzjoni limitata għal sena.*

*Hija l-fehma tal-Qorti illi d-distinzjoni bejn użu kummerċjali u użu rikrejattiv, u l-konsegwenti distinzjoni fl-estensjoni tal-garanzija, kienet maħsuba li tkun hekk bi skop.*

*Skont Darius Goodwin, użu rikrejattiv normalment ikun ta' bejn 50 u 60 siegħa fuq medda ta' sena. Waqt li użu akbar ma jikkawżax ħsara lill-mutur, fl-istess waqt il-mutur ikun jirrikjedi aktar manutenzjoni u kura.*

*Fil-każ tal-lum, anke jekk l-użu mill-attur kien intiż li jkun għal*

*rikreazzjoni fis-sens li kien abbinat mad-delizzju tiegħu tas-sajd, jirriżulta illi l-użu fuq firxa ta' sena kien bil-ferm ogħla minn dak li kien mistenni. Fil-fatt, minn qari tal-informazzjoni li toħroġ direttement mill-mutur jirriżulta li, sal-21 ta' Awissu 2009, meta l-mutur kien ilu jintuża biss tliet xhur, kien diġà sar użu għal ben 135 siegħa. Imbagħad, minn qari tal-metraġġ tal-użu li sar fil-21 ta' Diċembru 2010, irriżultat il-figura ta' 525 siegħa. Skont Darius Goodwin, dak il-metraġġ iqarreb dak normalment huwa attribwit ma' użu għal skop kummerċjali.*

*Tirrileva li sa minn ftit xhur wara li beda jagħmel użu mill-mutur, l-attur beda jilmenta li ma kienx qiegħed jilħaq l-aspettattivi tiegħu, in linea mal-informazzjoni fornita minn BRP.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jidentifika l-problemi li kellu bil-magna de quo: (i) ħela ta' żejt; (ii) il-magna tintefa' weħidha u taħdem 'rough' b'ħafna ħsejjes li mhux suppost jinstemgħu; (iii) il-magna ma kinitx qiegħda ttella' biżżejjed veloċità meta tkun fuq Wide Open Throttle; (iv) it-tilt and trim mechanism ma kienx qiegħed jaħdem sewwa; (v) l-ispeedometer ma baqax jaħdem; u (vi) l-pipe tal-ilma li ġej mill-qiegħ tal-magna għal ġol-console ittaqqab.*

*L-attur jippreżenta ruħu bħala bniedem tekniku li għandu kemm l-esperjenza u kif ukoll l-għarfien fl-inġinerija u l-mekkanika. Għalhekk seta' jidentifika fatturi li, skont hu, kienu mankanzi jew difetti, li allura ma kinux jinkwadraw ruħhom mar-reklamar ta' BRP dwar il-prestazzjoni tal-magna.*

*Minkejja li ssenjala diversi nuqqasijiet fil-magna, l-attur baqa' ma ndikax is-soluzzjoni, minkejja l-pretiża kompetenza tiegħu, anke jekk jidher evidenti li kien qed jippretendi - leġittimament - li tkun il-konvenuta li ssib is-soluzzjoni.*

*Dan premess, tirrileva li jekk tassew l-attur ried li l-mutur jaħdem u jservi l-iskop li għalih kien intiż, allura forsi seta' juża l-għarfien tekniku tiegħu sabiex jgħin fis-sejbien ta' soluzzjoni għall-ilmenti tiegħu.*

*Huwa fatt aċċertat illi minkejja kemm ilmenta dwar il-prestazzjoni tal-magna, l-attur waqaf juża l-magna meta l-użu tagħha kien diġà laħaq il-figura ta' 525 siegħa.*

*L-użu ta' 525–il siegħa kien mifrux fuq sena u nofs minn mindu kienet varata d-dgħajsa.*

*Il-Qorti tosserva illi kien fattwalment aċċertat illi, anke jekk ikun aċċettat li l-magna kienet qiegħda tagħti l-problemi, l-attur xorta waħda baqa' jagħmel użu tajjeb minnha, u kif jaċċetta huwa stess, kienet biss f'okkażjoni waħda fejn għamel użu tal-pony engine purament għaliex, kif jgħid hu, ladarba xegħel il-mutur, irraġuna li tanto vale jużah biex jidħol lura.*

*Il-Qorti fliet il-provi kollha.*

*Mir-rapport tal-Inġ. Prof. Pulè, jirriżulta li, abbażi ta' informazzjoni li kien għaddielu l-attur, jirriżulta li għall-bidu tal-użu tagħha l-magna kienet ittella' anke 5000 revolutions fil-minuta.*

*Il-Qorti tosserva li dan jikkontrasta ma' dak illi xehed l-attur u ċjoè li l-magna qatt ma tellgħet aktar minn 4300 revolutions fil-minuta.*

*Il-konklużjoni tal-espert ex parte tal-attur kienet illi: "the conditions within the motor are not suitably tuned nor performing to achieve the maximum power claimed by the manufacturer".*

*Mill-espert ex parte tal-attur ma kinitx identifikata soluzzjoni; lanqas ma sar proposti ta' xi xorta.*

*Tajjeb jingħad illi huwa fatt ippruvat li meta l-attur ilmenta sab sostenn mill-konvenuta.*

*Il-partijiet jaqblu li l-magna marret għal testing jew tiswija għadd ta' drabi.*

*Kien ukoll ippruvat illi sar xogħol fuqha bil-għan illi jkunu ndirizzati u riżolti l-ilmenti tal-attur.*

*L-attur jallega li l-konvenuta għamlet li setgħet sabiex ittawwal iż-żmien sabiex tinstab soluzzjoni, b'finalità waħda u ċjoè li tisgiċċa mill-obbligi tagħha skont il-garanzija.*

*L-attur jisħaq illi diversi kienu d-drabi li ħa l-magna għat-tiswija; biss ma ngħata ebda sodisfazzjon.*

*Il-kontestazzjoni tal-attur hija kontradetta b'email tal-5 ta' Awissu 2009 li ppreżenta huwa stess fejn jirriżulta li Goodwin għamel lista tax-xogħlijiet kollha illi kienu saru. Kwindi mhux biss kienet aċċertata l-fattwalità ta' x'kien iżda kienet qiegħda tkun aċċettata r-responsabbiltà għal kull ma kien sar.*

*Tajjeb jingħad illi ma rriżultax li da parti tagħha l-konvenuta ħaslet idejha mill-ilmenti tal-attur.*

*Tajjeb jingħad ukoll li l-konvenuta qagħdet mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija li saret minn BRP bħala l-manifattur tal-magna, u li kienu aċċettati mill-attur.*

*Tagħmel referenza għal dik il-parti tal-garanzija li għandha rilevanza għall-każ odjern, u ċjoè l-parti nru 5 intitolata: What BRP will do: li tgħid :-*

> *«BRP's obligations under this warranty are limited to, at its sole discretion,*

*repairing or replacing parts of Product found to be defective in material or workmanship, in the reasonable judgment of BRP. Such repair or replacement of parts will be done without charge for parts and labour, at any authorized Distributor/Dealer, under the conditions described above.*

*BRP's responsibility is limited to making the required repairs or replacements of parts. NO claim of breach of warranty shall be cause for cancellation or recession of the sale of Product to Owner.»[3] (enfasi miżjuda)*

*Il-provi juru biċ-ċar illi l-konvenuta bidlet anke komponenti tal-magna u offriet servizzi li lanqas biss kienu koperti bil-garanzija. Dan jgħodd partikolarment fil-każ tal-isparking plugs illi huma kategorikament esklużi mill-garanzija.*

*L-attur jallega wkoll inkompetenza da parti tat-tekniċi tal-konvenuta. Ciò nonostante ma ġabx provi partikolari in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu.*

*Lanqas ma tista' toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-Inġ. Prof Pulè għar-raġuni li dan m'għamel ebda eżami tekniku tal-magna iżda kemm illimita ruħu għall-osservazzjoni tal-prestazzjoni tagħha minn barra f`okkażjoni waħda biss. Fuq dik l-osservazzjoni bbaża l-konklużjonijiet tiegħu. Prof Pulè attribwixxa l-problema tal-magna għat-teknoloġija tagħha. Però waqaf hemm. Din il-fehma ma tirriżultax korraborata minn provi tekniċi oġġettivi oħra.*

*Abbażi tal-provi, partikolarment mir-rapport intern ġenerat mill-magna stess, irriżulta li din tellgħet revolutions per minute li jinkwadraw ruhhom fil-parametri indikati mill-manifattur għall-fini ta' prestazzjoni. Jidher ukoll illi ebda difett ma rriżulta tant illi r-reading mill-magna indika illi "no hard faults found".*

*Jekk il-magna ma laħqitx l-aspettattivi tal-attur ma jfissirx li l-konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi tagħha, u li l-attur kien ġustifikat fit-talbiet illi ressaq. Tibqa' l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li t-talbiet tal-attur ma kinux ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi.»*

15. L-attur appella minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fit-18 ta' Frar, 2020, bi tliet aggravji jkunu: (i) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' s-sitt eċċezzjoni jekk l-attur ħa azzjoni fit-terminu; (ii) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet illi t-talbiet attriċi ma ġewx ippruvat sal-grad meħtieġ mil-liġi, u dan billi fir-rigward tal-ewwel parti tat-tieni talba, tassew

[3] *Ara fol. 356 tal-proċess.*

il-bejgħ tal-magna kienet koperta b'garanzija valida li kellha tingħata effett mill-kumpanija konvenuta appellata; u (iii) li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta kkonkludiet illi t-talbiet attriċi ma ġewx ippruvati sal-grad meħtieġ mil-liġi.

16. Il-kumpanija konvenuta wieġbet fis-6 ta' Mejju, 2020, u tat ir-raġunijiet tagħha għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

17. Inżamm smigħ fis-7 ta' Diċembru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Din hija azzjoni dwar bejgħ ta' mutur ta' *dinghy* li l-attur jgħid li ma kienx qiegħed jaħdem tajjeb sa minn ftit xhur wara li ġie varat u li minkejja li l-kumpanija konvenuta wettqet bosta testijiet u tibdil ta' komponenti tal-magna, xorta waħda ma ġiex jaħdem tajjeb. Għaldaqstant l-attur jgħid li l-kumpanija konvenuta ma wettqitx l-obbligi tagħha skont il-garanzija u skont il-liġi.

19. Fl-**ewwel aggravju** tiegħu l-attur jgħid illi li kieku tassew is-sitt eċċezzjoni kellha tintlaqa', l-Ewwel Qorti ma kienx ikollha l-ħtieġa li tistħarreġ il-mertu kif għamlet. Li kieku kull garanzija kienet għalqet l-Ewwel Qorti kienet tilqa' s-sitt eċċezzjoni waħedha u fuq dik il-bażi biss

tiċħad it-talbiet kollha attriċi. L-Ewwel Qorti wkoll aċċettat li l-garanzija kummerċjali fuq il-magna kellha tagħlaq fit-12 ta' Mejju, 2012. Jgħid li huwa kien ilu mill-11 ta' Ġunju, 2009 (madwar xahrejn wara li d-*dinghy* ġie varat) u xahar wara li bdiet tagħlaq il-garanzija kummerċjali li ressaq ilment mal-kumpanija konvenuta. Kien hemm ilmenti u osservazzjonijiet oħra li huwa ressaq wara din id-data u sew qabel l-iskadenza tal-garanzija kummerċjali. Jirriżulta wkoll li l-kawża ġiet ippreżentata fil-11 ta' Mejju, 2012 u b'hekk fi żmien it-terminu tal-garanzija kummerċjali. Jgħid li mingħajr ħsara għal kull sottomissjoni li saret quddiem l-Ewwel Qorti u anke f'dan l-appell dwar il-garanzija legali *ai termini* tal-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur** (**Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta**), huwa jisħaq li din is-sitt eċċezzjoni kienet tkun mistħoqqa kieku ressaq ilmenti ġodda wara d-data tal-iskadenza tal-garanzija kummerċjali, jew jekk huwa ħalla l-garanzija tiskadi qabel ma fetaħ il-kawża. Magħdud ma' dan isostni li skont l-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur** kwalunkwe terminu preskrittiv dwar il-garanzija legali offruta b'riħet l-**Artikolu 78** tal-imsemmi Att ġie sospiż fil-mument li huwa rrapporta l-problemi li ltaqa' magħhom, liema sospensjoni tibqa' operattiva sakemm il-problema tissolva. Għalhekk l-attur itemm jgħid li anke kieku l-kumpanija konvenuta kellha tingħata raġun fil-mertu, is-sitt eċċezzjoni, f'kull każ, kellha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija konvenuta.

20. Fit-**<u>tieni aggravju</u>**, l-attur jgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta

kkonkludiet li t-talbiet attriċi ma ġewx ippruvati sal-grad meħtieġ mil-liġi u dan billi għal dak li hija l-ewwel parti tat-tieni talba, tassew il-bejgħ tal-magna kienet koperta b'garanzija valida li kellha tiġi applikata mill-kumpanija konvenuta. L-appellant ifisser li permezz tat-tieni talba tiegħu huwa talab dikjarazzjoni li, fiċ-ċirkostanzi ta' magna li ma kinitx qiegħda taħdem kif suppost u li huwa ovvju li kellha l-ħsara, il-kumpanija konvenuta kellha l-obbligi li tapplika l-garanzija applikabbli għall-bejgħ. Talab imbagħad dikjarazzjoni li l-kumpanija appellata ma wettqitx l-obbligi tagħha. Għaldaqstant jgħid li l-ewwel parti tat-tieni talba tiegħu kellha twassal għal għarfien li kienet teżisti garanzija li kellha titħaddem, filwaqt li t-tieni parti kienet stedina sabiex jitwettaq stħarriġ jekk il-kumpanija appellata qdietx l-obbligi tagħha. Iċ-ċaħda għalkollox tat-tieni talba teskludi li kien hemm garanzija valida fis-seħħ li kellha tiġi applikata mill-kumpanija appellata.

21. L-appellant jirreferi għal uħud mill-konsiderazzjonijiet li wettqet l-Ewwel Qorti meta qalet: *«Hemm qbil illi għall-każ tal-lum kellha tapplika garanzija ta' tliet snin jew ta' 750 siegħa, skont liema minn dawn tavvera ruħha l-ewwel»* u *«li l-konvenuta qagħdet mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija li saret minn BRP bħala manifattur tal-magna u li kienu aċċettati mill-attur.»* Jgħid li fihom nfushom dawn jikkontrastaw il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li għal din it-talba huwa ma ressaqx provi sal-grad meħtieġ mil-liġi. Pjuttost l-Ewwel Qorti qiegħda tikkonċedi li imqar

kien hemm garanzija fis-seħħ u applikabbli.

22. L-attur jissokta jgħid li l-Ewwel Qorti llimitat ruħha għall-aspett tal-garanzija kummerċjali ta' tliet snin mogħtija mill-manifattur BRP u ma għamlet ebda aċċenn għall-garanzija legali li toħroġ mil-liġi, ċjoè dik li kull konsumatur igawdi minnha, irrispettivament mill-fatt jekk il-bejjiegħ jipprovdux garanzija kummerċjali jew le. Jgħid li dan id-dritt jitwieled mill-istess relazzjoni kummerċjali ta' bejgħ u xiri, u għandu l-bażi legali fl-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**, dritt li jsib l-oriġini tiegħu fl-ordinament ġuridiku Ewropew. Filwaqt li l-garanzija legali għandha terminu ta' sentejn mill-konsenja tal-oġġett, f'dan il-każ il-magna, u meta saret din il-kawża s-sentejn kienu skorrew, iżda b'riħet l-**Artikolu 78 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur** dan it-terminu huwa sospiż għat-tul tat-taħditiet bejn il-bejjiegħ u x-xerrej sakemm il-kwistjoni tiġi solvuta. B'hekk jiġi li din il-garanzija kienet għadha fis-seħħ u tgħodd. Sfiq ma' dan jgħid li ma tressqu l-ebda provi li kwalunkwe garanzija kienet għalqet jew ma tgħoddx u lanqas l-Ewwel Qorti ma qalitu dan. Minn dan jinżel li ladarba ġiet irrappurtata ħsara jew difett fil-magna lill-kumpanija konvenuta appellata u din il-ħsara jew difett mhux eskluż mill-garanzija, allura l-kumpanija appellata kellha l-obbligu li tapplika l-garanzija fis-sħiħ, kif l-ewwel parti tat-tieni talba titlob. B'hekk l-Ewwel Qorti kellha żgur tilqa' din il-parti tat-tieni talba tagħha, anke jekk fl-istħarriġ tagħha sabet li l-kumpanija appellata ma wettqet l-obbligi kollha tagħha.

23. Ngħaddu issa għat-**<u>tielet aggravju</u>** li permezz tiegħu l-attur jgħid li l-Ewwel Qorti ma għamlitx sew meta kkonkludiet li t-talbiet attriċi ma ġewx ippruvata sal-grad meħtieġ mil-liġi u dan bil-premessa li, *«jekk il-magna ma laħqitx l-aspettattivi tal-attur ma jfissirx li l-kumpanija konvenuta ma wettqitx l-obbligi tagħha.»* L-appellant jgħid li dan il-kliem huwa turija ta' apprezzament fqir tal-fatti u provi dettaljati li tressqu minnu. L-appellant jgħid li l-lanjanza li waslitu jiftaħ dawn il-proċeduri ma kinitx għaliex daħħal fellus f'moħħu u ppretenda xi ħaġa u rriżulta ħaġa b'oħra. Bil-maqlub għaliex il-fatti juru li huwa xtara magna ta' dgħajsa li rriżultat li mhux talli ma ħadmitx tajjeb, iżda żviluppat ħsara fl-ewwel ftit xhur, perjodu li kien reklamat li lanqas *Service* ma kien se jkollha bżonn. Minkejja li huwa rrapporta din il-ħsara u minkejja bosta tentattivi biex il-magna tissewwa, il-kumpanija appellata ma tagħtux rimedju ieħor li jsostni li kellu. Jisħaq li huwa kellu dritt li jikseb magna li taħdem sew skont il-potenzjal tagħha u skont kif ġiet reklamata. Il-kumpanija appellata kellha l-obbligu li tbiegħ prodott li jaħdem sew u kif reklamat u jekk tinqala' xi ħsara kellha twettaq l-obbligi tagħha ta' garanzija.

24. L-appellant isemmi dak li fil-fehma tiegħu kellha tistħarreġ l-Ewwel Qorti:

(i) <u>in-nuqqas ta' prestazzjoni/ħsara</u> – jgħid li huwa ppreżenta provi dettaljati dwar il-ħsara li żviluppat il-magna wara biss 100 siegħa ta' użu.

Fl-affidavit tiegħu huwa jsemmi xi problemi li ltaqa' magħhom meta uża l-magna fl-ewwel sena minn meta xtraha u fl-ewwel ftit xhur ta' użu effettiv. Huwa jsemmi: (a) il-ħela ta' żejt; (b) il-magna kienet bdiet tintefa' waħedha u kienet taħdem '*rough*' (ħsejjes li mhux suppost kellhom jinstemgħu); (ċ) il-magna ma kellhiex saħħa kif suppost, ma bdietx ittella' *revolutions per minute,* saħħa u veloċità kif suppost meta tkun bit-*top* (*wide open throttle*, jew WOT); (d) il-*hydraulic trim and tilt unit* (il-mekkaniżmu li jtella' u jniżżel il-magna mill-ilma) kien qiegħed jaħdem ħażin); u (e) l-*ispeedometer* tal-magna ma baqax jimmarka u kien jidher li l-pajp tal-ilma li ġej minn qiegħ il-magna biex jidħol fil-*console* kien ittaqqab. Jgħid li x-xhieda ta' Jesmond Grech u Noel Spiteri ssaħħaħ il-verżjoni tiegħu. Jirreferi mbagħad għar-rapport tal-Professur Carmelo Pulè mqabbad minnu stess, kif ukoll għall-korrispondenza li l-appellant kellu mar-rappreżentant tal-manifattur BRP, ċertu Tibor Toth, li tikkonferma t-teżi tiegħu. Għaldaqstant jgħid li jsibha ferm diffiċli jifhem kif l-Ewwel Qorti tat piż għal rapport intern ġenerat mill-magna stess, filwaqt li warrbet dak li kkostataw erba' min-nies fosthom l-espert u r-rappreżentant tal-manifattur.

(ii) <u>L-Ewwel Qorti kellha tistħarreġ x'għamlet il-kumpanija appellata fit-twettiq tal-obbligi tagħha</u> – l-appellant jgħid li fil-konklużjoni tagħha l-Ewwel Qorti donnha qiegħda tgħid li għaliex skontu l-magna ma ħadmitx sew ma jfissirx li l-kumpanija appellata kellha nuqqas hi. Però fil-fatt il-kumpanija appellata kienet tassew inadempjenti fl-obbligi tagħha billi ma

offrietx soluzzjoni effettiva għall-problema. Ma kinitx kapaċi ssewwi u rrifjutat li jew trodd lura l-prezz jew li tbiddillu l-magna ma' oħra meta kien ovvju li ma setgħetx issib tarf.

L-appellant jirreferi għall-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha tikkonkludi li l-kumpanija appellata qdiet l-obbligi tagħha meta qalet: (a) li l-espert *ex parte* tal-attur ma identifkax soluzzjoni; (b) li meta l-attur ilmenta sab sostenn mill-kumpanija konvenuta; (ċ) li l-magna marret għal *testing* bosta drabi; (d) li sar xogħol fuqha bil-għan li tinstab soluzzjoni għall-ilmenti tiegħu; (e) li ma rriżultax li l-kumpanija konvenuta ħaslet idejha mill-ilmenti tiegħu; (f) li l-kumpanija appellata qagħdet mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija li saret minn BRP u tagħmel referenza għal parti numru 5 mingħajr ma tabbina dak li sar magħha; (ġ) li għalkemm huwa allega li t-tekniċi tal-kumpanija appellata ma kinux kompetenti ma ġabx prova biex isaħħaħ l-allegazzjoni tiegħu; u (g) li dehrilha li ma kellhiex tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tal-Profs Pulè li tassew il-magna ma ħadmitx sew.

Madankollu, l-appellanti jgħid li l-kumpanija appellata ma ressqitx bi prova xi testijiet u x-xogħlijiet li għamlet biex taqdih. Ma fissritx x'għamlet u lanqas ippreżentat xi *job card* jew elenku ieħor ta' xogħlijiet imwettqa minnha. Ma tressaq l-ebda impjegat sabiex ifisser x'sab u x'għamlu, tant li l-uniku xhud kien Darius Goodwin li wkoll għaraf li kien hemm ħafna

kwistjonijiet bil-magna. Ma kienx jaqa' fuqu li jsib soluzzjoni għall-problemi. Filwaqt li l-kumpanija appellata baqgħet tinsisti li l-problemi fil-magna kienu minħabba d-dħul ta' ilma, il-konklużjonijiet milħuqa mill-manifattur u minn Profs Pulè dan jeskluduh. L-appellant jgħid għalhekk li l-inkompetenza tal-kumpanija appellanti toħroġ mill-fatt li ma kinitx kapaċi ssewwi l-magna.

(iii) <u>X'kienet obbligata tagħmel il-kumpanija appellata?</u> - l-appellant jgħid li l-ewwel obbligu kien dik tat-tiswija. Dan kif jirriżulta kemm mill-parti numru 5 tal-garanzija kummerċjali, kif ukoll mill-obbligi tal-garanzija legali skont l-**Artikolu 75(1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur** (**Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta**). Bħala fatt ma jirriżultax li l-kumpanija appellata kienet kapaċi ssewwi l-magna. Huwa jsostni li fejn il-garanzija kummerċjali tgħid *«repairing or replacing parts of product found to be defective in material or workmanship»,* l-obbligu tat-tibdil mhux biss għal parti iżolata iżda wkoll għall-prodott kollu kemm hu, daqskemm it-tiswija għandha tkun għal prodott kollu. Fil-fatt Darius Goodwin meta mistoqsi mill-Ewwel Qorti wera li kien hemm ċans ta' tibdil tal-magna b'waħda ġdida. L-appellant imbagħad jirreferi għall-**Artikolu 75(1) Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur** li jagħti d-dritt lill-konsumatur taħt il-garanzija legali li jippretendi li min ibiegħlu prodott l-ewwel isewwi, jew inkella jbiddel il-prodott. Il-kumpanija appellata f'aktar minn sentejn ma rnexxilhiex issewwi l-magna. Dan wassal sabiex huwa kellu jixtri magna

ġdida u jmexxi b'dawn il-proċeduri. In-nuqqas tal-kumpanija appellata li twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha sarraf f'danni għalih.

25. Meqjus dan kollu, din il-Qorti sejra tgħaddi billi tqis l-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-appellant, li permezz tiegħu jsostni li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' s-sitt eċċezzjoni. Jgħid li l-kumpanija appellata ma tgħidx sew li l-Ewwel Qorti qieset li l-użu li l-appellant għamel mill-magna kien wieħed kummerċjali. Filwaqt li l-Ewwel Qorti kkummentat dwar l-użu li fil-fehma tagħha kien eċċessiv min-naħa tal-attur iżda ma kkonkludietx li l-użu ma kienx wieħed rikrejattiv.

26. Għalkemm l-Ewwel Qorti laqgħet is-sitt eċċezzjoni ma jirriżultax mill-korp tas-sentenza li hija stħarrġet l-istess eċċezzjoni fid-dettall, imma mill-qari tas-sentenza joħroġ li hija kienet waslet għall-konklużjoni li fil-fatt il-garanzija ta' tliet snin ma kinitx skadiet. Dan imkien ma jingħad fis-sentenza. Huwa interessanti wkoll li l-istess kumpanija appellata lanqas insistiet li l-garanzija kienet skadiet fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Fuq kollox, kif qal tajjeb l-attur f'dan l-aggravju, li kieku l-Ewwel Qorti qieset li l-garanzija kienet skadiet meta nbdew il-proċeduri kienet tibda billi tiddeċiedi din l-eċċezzjoni u tilqagħha mingħajr il-ħtieġa li twettaq il-konsiderazzjonijiet li għamlet.

27. Għalhekk l-appellant għandu raġun u dan l-aggravju se jintlaqa'.

28. It-**<u>tieni u t-tielet aggravji</u>** se jitqiesu f'daqqa billi huma marbuta u jirkbu fuq xulxin.

29. Il-kumpanija appellata laqgħet għal dawn l-aggravji billi tgħid li: (i) it-tieni talba hija talba waħda u għandha tinqara u titqies bħala tali, bil-qofol tagħha huwa sabiex il-Qorti tiddikjara li l-kumpanija appellata naqset li twettaq l-obbligi tagħha skont il-garanzija; (ii) li kieku t-tieni talba kellha tinqasam, il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu tajbin u motivati; (iii) li l-kumpanija appellata ma kellhiex l-obbligi li tapplika garanzija għaliex l-appellant ma setax jippretendi li garanzija għal użu rikrejattiv tkopri użu eċċessiv; (iv) li l-appellant qiegħed jipprova joħloq tibdil fit-talbiet tiegħu li sal-lum kienu kollha msejsa fuq il-garanzija kummerċjali tal-magna. La fil-premessi u lanqas fit-talbiet tiegħu qatt ma semma l-garanzija legali. Il-kawża kienet imsejsa biss fuq il-garanzija kummerċjali; (v) għal dak li huwa l-aspett tekniku tal-provi, il-kumpanija appellata tgħid li mhux talli l-magna ma kinitx taħdem tajjeb, talli l-appellant użaha fuq li użaha tant li laħaq tella' sigħat illi huma kompatibbli ma' użu kummerċjali u mhux ma' użu normali ta' persuna li għandha d-delizzju tas-sajd. Li kieku l-magna ma taħdimx ma kienx joħroġ jistad biha. Fuq kollox, l-appellanti bħala persuna teknika qatt ma ppropona x'setgħet kienet is-soluzzjoni għall-problemi li dehrilha li kienu jeżistu. Huwa dejjem baqa' jsib xi ħaġa li kienet ħażina minkejja t-testijiet li kienu qegħdin isiru u minkejja l-qari

meħudin mis-sistema tal-magna nnifisha ma kienu jirrapportaw l-ebda problema; (vi) tgħid ukoll li meta wieħed iqis kollox jidher li l-ilment tal-attur kien li l-magna ma kinitx ittella' l-veloċità massima tagħha kif imsemmi fil-manwal, u kif qal Profs Pulè. Dan però m'għandux ifisser li l-magna ma kinitx taħdem jew li ma setgħetx tintuża. Tgħid li minkejja l-isforzi tal-attur biex ipinġi stampa ta' kunflitt bejn il-kostatazzjonijiet li għamlet hi u tal-manifattur BRP huwa ċar li meta l-istess BRP aċċettat li tbiddel l-*injectors* tal-magna (kollha kemm huma) taħt il-garanzija (inkluż labour) inbiddlu biss minħabba l-insistenza bla waqfien tal-attur għaliex fil-fehma tal-BRP ir-rapporti kienu juru li l-*injectors* kienu qegħdin jaħdmu fil-parametri normali; (vii) barra minn hekk, tgħid li l-appellant ma jistax iżid jew jivvinta drittijiet jew obbligi li l-istess garanzija ma tipprovdix għalihom. It-talba ta' bdil ta' magna u/jew radd lura tal-prezz huma esklużi mill-garanzija; (viii) li Profs Pulè ma għarafx x'setgħu kienu l-problemi u s-soluzzjonijiet; (ix) tgħid ukoll li l-attur kellu kull ċans li jitlob il-ħatra ta' Perit Tekniku, anke kif mistieden mill-Ewwel Qorti fis-seduti tad-9 ta' Mejju, 2019 u tal-15 ta' Lulju, 2019.

30. Din il-Qorti tibda billi tirreferi għall-fatti u provi li huma ta' importanza biex jixħtu dawl fuq il-kwistjoni li għandna quddiemna:

(i) L-attur xtara *dinghy* ta' 5.2 metri tat-tip Zodiac PRO12MAN f'Diċembru tas-sena 2008 mingħand il-kumpanija konvenuta. Flimkien mad-*dinghy* xtara mutur *outboard* li kien tal-għamla ETEC 90HP, mudell

ġdid. Bħala fatt kien sar tpartit ma' *dinghy* u mutur li l-attur diġà kellu u żied il-flus magħhom. Il-prezz kien ta' €7,735.20.

(ii) Id-*dinghy* u l-mutur kellhom garanziji separati. Mhux kontestat li l-garanzija tal-mutur kellha tinfetaħ u titlaq meta tkun varata l-magna. Jirriżulta minn korrispondenza mal-manifattur Bombardier Recreational Products (BRP) li l-garanzija tal-mutur kienet tagħlaq fil-11 ta' Mejju, 2012.

(iii) Il-kumpanija appellata waħħlet il-magna fi Frar tas-sena 2009 u d-*dinghy* ġie varat għall-ewwel darba fit-13 ta' Marzu, 2009.

(iv) Darius Goodwin, rappreżentant tal-kumpanija appellanti jixhed li kien hemm distinzjoni għal dik li hija garanzija. F'każ ta' dgħajsa privata għal użu rikrejazzjonali l-garanzija kienet għal 36 xahar; filwaqt li għall-użu kummerċjali l-garanzija kienet għal 12-il xahar jew 750 siegħa ta' użu. Xehed ukoll li l-użu normali ta' magna għal użu rikrejazzjonali huwa bejn wieħed u ieħor ta' 50/60 siegħa fis-sena.

(v) Goodwin jixhed ukoll li ħadu l-ewwel qari ta' użu fil-21 ta' Awwissu, 2009 u dan kien ta' 135 siegħa. Fisser li fih innifsu dan ma kien xejn ħażin, iżda l-magna jkollha bżonn aktar manutenzjoni u b'mod aktar regolari, iżda l-garanzija tibqa' tgħodd.

(vi) Fid-daħla tal-*Operator's Guide* tal-magna (ara Dok DG 1 f'paġna 39 tal-proċess), wieħed isib:

> *«With your Evinrude E-TEC outboard there is no more time wasted in the shop. In fact, you only have to bring your Evinrude E-TEC outboard in for the dealer scheduled maintenance every 300 hours or every three years of normal recreational use..........And if that's not enough, with your*

*new outboard you will have żero oil changes, absolutely no break-in period ...»*

(vii) Fl-istess ktejjeb, Darius Goodwin jirreferi għal-parti li tinsab f'paġna 72 li hija dwar il-garanzija mogħtija u nsibu dawn il-klawżoli:

*«**Warranty Coverage Period***

*This Limited warranty will be in effect from the date of purchase by the first retail consumer or the date the product is first put to use, whichever occurs first, for a period of:*

*36 Consecutive Months for private, recreational use; or*
*12 Consecutive Months or 750 Hours of Operation as determined by Product's Engine Managment Module (EMM),whichever occurs first, for commercial use. The Product is used commercially when it is used in connection with any work or employment that generates income, during any part of the warranty period. The Product is also used commercially when, at any point during the warranty period, it is installed on a boat that has commercial tags or licensed for commercial use.*

*The repair or replacement of parts or the performance of Service to Product under the warranty does not extend the life of this Limited warranty beyond its original expiration date.«*

*«**WHAT BRP WILL DO***

*BRP's obligations under this warranty are Limited to, at its sole discretion, repairing or replacing parts of Product found to be defective in material or workmanship, in the reasonable judgment of BRP. Such repair or replacement of parts will be done without charge for parts and labour, at any authorized distributor/dealer, under the conditions described above.*

*BRP's responsibility is Limited to making the required repairs or replacement of parts. No claim of breach of warranty shall be cause for cancellation or rescission of the sale of Product to Owner.»*

L-istess ktejjeb isemmi x'ikun eskluż mill-garanzija, fosthom *«damage caused by abuse, misuse, abnormal use, neglect, racing, improper operation or operation of the Product in a manner inconsistent with the recommended operation in the Operator's Guide.»* Ma jirriżultax li hemm tifsira tal-frażi 'abnormal use'

(viii) Mill-provi jirriżulta din is-sekwenza ta' ġrajjiet:

- F'Diċembru tas-sena 2008, l-attur xtara *dinghy* u l-mutur mertu tal-każ tal-lum mingħand il-kumpanija appellata.
- Il-magna twaħħlet mill-kumpanija appellata.

- F'Mejju tas-sena 2009, l-appellant ilmenta dwar ħela ta' żejt mill-mutur. Bagħat *email* fil-11 ta' Ġunju, 2009 dwar dan (ara Dok AT3 f'paġna 151 tal-proċess)
- F'Awwissu tal-istess sena, l-attur jgħid li kien fuq il-baħar, waqaflu l-mutur, reġa' xegħel u reġa' ntefa;
- Fl-24 ta' Awwissu, 2009 il-mutur iddaħħal għas-*service* għand il-kumpanija appellata u nbidlulu l-*isparking plugs*. Però jgħid li baqa' bl-istess problema;
- Fl-1 ta' Settembru, 2009 l-attur bagħat *email* lil Darius Goodwin fejn qallu li wara li nbidlulu l-*isparking plugs* kien qiegħed juża l-mutur kull l-aħħar ta' ġimgħa u kien jintfilu. (ara Dok AT4 f'paġna 153 tal-proċess). Jgħid li kull darba beda jċempel lill-kumpanija jew jibgħat *email* li l-ewwel qalulu li ma kellu xejn, imbagħad li sabulu ilma fil-fjuwil u mbagħad bdew jaħsbu li l-*injectors* kellhom xi ħaġa u ż-żmien għaddej.
- Għal dak li huwa ilma fil-fjuwil, Goodwin wieġeb b'*email* fit-2 ta' Settembru, 2009 fejn qallu li l-appellant ma kellux tort u sadanittant il-*hydraulic & trim unit* baqa' bil-problemi u nbidel fit-22 ta' Settembru, 2009.
- Tirriżulta email mibgħuta mill-appellant lill-kumpanija konvenuta tat-18 ta' Novembru, 2009 (ara Dok AT7 f'paġna 159 tal-proċess) fejn l-attur b'mod dettaljat fisser x'kien osserva u li l-magna baqgħet taħdem ħażin – isemmi *engine stalling* u *engine working roughly.*
- Fit-2 ta' Ottubru, 2009 Darius Goodwin bagħat tweġiba lill-appellant fejn qallu li, *«BRP have asked us to carry out further tests. One of these being a compression test»* (ara Dok AT8 f'paġna 163 tal-proċess). L-appellant wieġbu fl-istess ġurnata fejn semmilu li l-*ispeedometer* ma baqax jimmarka u kien jidher li l-pajp tal-ilma li ġej mill-qiegħ tal-magna kien ittaqqab (ara Dok AT9 f'paġna 165 tal-proċess).
- Saru aktar testijiet. Fil-15 ta' Frar, 2010 l-attur irċieva email mingħand Goodwin fejn kiteb: *«I have been working closely with BRP on your case and although they agree with us that it is an Injector issue, they are concerned this was caused by water contamination. It is impossible for all three injectors to fail mechanically or electrically at the same time unless such is the case. They have asked me to remove each injector and check the internal section for corrosion/particle build up around the nozzles. This may be disturbing the fuel spray pattern which in turn will lead to unburnt fuel and eventually a buildup of carbon»* (ara Dok AT11 f'paġna 169 tal-proċess).
- L-appellant wieġeb permezz ta' *email* tat-18 ta' Frar, 2010 fejn wera l-frustrazzjoni tiegħu. (ara Dok AT12 f'paġna 171 tal-proċess).
- Goodwin wieġbu fl-istess jum u, fost oħrajn, kiteb: *«In your*

*particular case, we cannot identify one particular failed part, therefore, it is down to elimination for the entire system to track down the issue»* Jerġa' jsemmi wkoll id-dħul tal-ilma fil-fjuwil (ara Dok AT f'paġna 173 tal-proċess).

- L-appellant wieġeb b'*email* tat-23 ta' Frar, 2010 fejn, fost oħrajn, fisser li dwar l-ilma fil-fjuwil kien instab biss ftit. (ara Dok AT14 f'paġni 175 u 176 tal-proċess). Proprju l-għada, l-attur bagħat *email* fejn għarraf li kien ra melħ magħqud fil-parti ta' fuq tal-magna (ara Dok AT15 f'paġni 178 sa 190 tal-proċess).
- F'Marzu tas-sena 2010 sar *dynamic test* (prova tal-magna bil-*load* fuq l-ilma) imma ma ttieħdux qari.
- Fl-1 ta' Lulju, 2010 saru t-tieni sett ta' testijiet fuq il-baħar u ttieħed il-qari tal-magna u ntbagħat barra minn Malta. Goodwin qallu li l-*injectors* kienu tajbin.
- F'*email* oħra tat-12 ta' Lulju, 2010, l-attur talab x'kien irriżulta mill-aħħar testijiet, jekk waslux il-parts tal-*hydraulic trim & tilt* u l-*blowout valve* u talab appuntament għal *service.* (ara Dok AT20 f'paġna 191 tal-proċess).
- Fid-19 ta' Lulju, 2010 l-appellant irċieva *email* mingħand Goodwin li qallu *«we have the parts for the leak at the top of the engine but are still waiting for the replacement trim.»* Qallu wkoll li l-magna kienet qabżet it-300 siegħa tal-garanzija u b'hekk il-magna ma kinitx aktar koperta, iżda ladarba l-ilment sar qabel kienet se ssir (ara Dok AT21 f'paġna 193 tal-proċess).
- Kien hemm skambju ta' *emails* fl-20 ta' Lulju, 2010 u fil-21 ta' Lulju, 2010 u l-attur ingħata appuntament għat-2 ta' Awwissu, 2010 u ġie mgħarraf li l-*injectors* ma kinux se jinbidlu għaliex kienu qegħdin jaħdmu fil-parametri normali skont ir-rapporti mill-magna (ara Dok AT22 u AT23 f'paġni 195 sa 197 tal-proċess).
- Fit-2 ta' Awwissu, 2010 bagħat *email* lil Goodwin u fissirlu l-problemi li kien qiegħed isib u x'ried isir, ċjoè, li l-magna ma kinitx tilħaq ir-*revs per minute* li suppost; it-tiswija ta' ħruġ tal-ilma fin-naħa ta' fuq tal-magna; iż-żejt eċċessiv li kienet qiegħda taħli l-magna; it-tiswija tal-mekkaniżmu li jtella' u jinżel il-magna (*hydraulic trim & tilt unit*); u tibdil ta' bejn il-parti tal-magna li ddur u l-parti fissa; bdil tal-pajp tal-ilma li jitma l-gauge li jindika kemm qed jiġri d-*dinghy*. Talab ukoll *service* ta' rutina. (ara Dok AT24 f'paġni 241 u 242 tal-proċess).
- Minkejja dan, meta ħa lura l-magna din xorta ma ħadmitx sew u nnota li meta ġabarha ċ-ċavetta tal-magna kienet tħalliet mixgħula għal xi tletin siegħa.
- Goodwin bagħat *email* lill-attur fil-5 ta' Awwissu, 2010 u niżżel ix-xogħol li sar fuq il-magna, ċjoè, tibdil taż-żejt tal-*gearbox*; tibdil tal-*impeller* tal-pompa tal-ilma; test tal-pressa tal-ilma; *compression test* tal-magna; *check* ġenerali tal-magna u

pajpijiet u *greasing*; inbidel il-*blowout valve* u ġie aġġustat il-*cable* tal-gass u t-*throttle position sensor*. Skont l-attur l-aħħar punt imsemmi ma sarx.

- Fil-11 ta' Awwissu, 2010 l-appellant bagħat ilment formali lill-kumpanija appellata u talab li jibdlulu l-magna minnufih. (ara Dok AT 27 f'paġni 209 sa 212 tal-proċess).
- L-appellant qabbad lil Profs Pulè li ħejja l-ewwel rapport, fejn ikkonkluda li: *«..it can be concluded that the E-TEC 90 belonging to Mr Adrian Theuma is delivering and producing around 60 horse power and not the expected 90 horse power as claimed by the manufacturers in their published specifications.» «As the motor is a very modern motor with a mapped memory for electronic control of the direct fuel injectors after a multiple of sensors are monitored, it is concluded that the conditions within the motor are not suitably tuned nor performing to achieve the maximum power claimed by the manufacturer»* (ara Dok AT28 f'paġna 214 tal-proċess).
- L-appellant jixhed li Goodwin ċempillu fit-13 ta' Awwissu 2010 u fil-21 ta' Ottubru, 2010 fejn issuġġerixxa li l-attur jixtri sett bi tliet *injectors* biex il-kumpanija twaħħalhom għaliex qallu li BRP ma riditx taċċetta li tibdilhom taħt garanzija peress li kien instab ilma fil-fjuwil.
- L-appellant jixhed li huwa m'afdax lil Goodwin u għalhekk iddeċieda li jagħmel kuntatt dirett mal-kumpanija BRP ma' ċertu Tibor Toth.
- L-appellant ippreżenta *email* minn Tibor Toth lilu mibgħuta fit-22 ta' Ottubru, 2010 (mhux kontestata mill-kumpanija appellata) li wieġeb hekk lill-attur:

> *«I will try to explain you the facts which you mentioned in your letter. The higher consumption of the oil and more visible smoke is a result of the decrease of the power output of your engine. As you mentioned, and I can see it also in the EMM Service reports, that your engine is reaching only 4200-4300RPM at wide open throttle (WOT). The top RPM of your engine before the problem occurred, were up to 5000RPM. The engine management module is receiving from the throttle position sensor the information that the throttle is opened to 100%, but the RPMs are too low for this position of throttle plate, It means that the engine is calculating with fact that the engine is overloaded and it starts to protect the mechanical parts with more frequent injection of the oil into the engine. This creates the higher oli consumption. It's not the problem of the lubrication system I am sure that after we will solve the problem and the engine will reach the top RPM like before, the oil consumption will be decreased.*
>
> *.....*

*I would like to inform you that the warranty period of your engine is valid till 1th of May 2012. The limiting engine hours for warranty coverage is 750 hours. If the reason of the failure is in the material or the manufacturing of the component it will be replaced under warranty.* ***I understand that a little amount of water was found in boat's fuel filter and water separator. If the water is separated from the fuel and not delivered to engine fuel system, then it is OK. Important is that the water has not caused the corrosion of the metallic parts in the engine fuel system components. As I was informed, the fuel injectors of your engine were inspected and no signs of corrosion was found.*** (enfasi tal-Qorti)

*Today I will contact RLR with instruction to test your engine with a set of new fuel injectors. Soon you will be contacted from RLR and informed about the next steps and estimated time of the fuel injectors replacement. I believe taht the test after the replacement will show that there was problem on one or more fuel injectors.»*

- Fl-istess ġurnata, l-appellant irċieva *email* mingħand Goodwin li BRP ma kinux se jkopru għal ħlas ta' xogħlijiet u ried iħallashom huwa (ara Dok AT31 f'paġna 279 tal-proċess). B'hekk huwa reġa' kiteb lil Toth dakinhar stess u tlitt ijiem wara dan wieġbu lura b'mod elettroniku (ara Dok AT33 f'paġna 234 tal-proċess) u qallu hekk:

  *«I would like to inform you, that the problem of your engine was reported from RLR to me months ago. I received from RLR the EMM reports with results of tests and inspections of your engine.* ***Unfortunately, the symptoms of running quality problems were not easy to identify also for me*** *and I can't say anything wrong about the troubleshooting of RLR. They followed my instructions and I think that they did it correctly.*

  *I will appreciate if you will contact RLR. I informed them that I received a letter from you and I answered you with promise of replacement of injector/injectors on your engine under the BRP warranty. ....»* (enfasi tal-Qorti) (ara Dok AT33 f'paġna 234 tal-proċess).

- L-*injectors* inbidlu f'nofs Diċembru, 2010.
- Fil-21 ta' Diċembru, 2010 ittieħed qari tal-magna li kien juri 524 siegħa użu, li fil-fehma ta' Goodwin dan kien *«bordering on high commercial use.»*
- Fit-30 ta' Diċembru, 2010, l-appellant jgħid li l-magna startjat mill-ewwel imma d-dawrien tal-magna xorta ma ġabux il-4300 *revolutions per minute* u l-magna naqset il-veloċità f'salt waħedha. Wara li varaha tliet darbiet oħra, il-magna ma bdietx

tistartja. Kellem lil Joe Galea tal-kumpanija appellata fil-11 ta' Jannar, 2011 u fis-7 ta' Frar, 2011 reġa' ħa d-*dinghy* fil-garaxx tal-Gżira u qalulu li kellu jieħdu fil-garaxx ta' Burmarrad. Reġa' ħadu fl-14 ta' Frar, 2011 u jumejn wara ħallih il-Gżira. Inqalgħu aktar intoppi u jirriżulta li f'nofs Novembru, 2011 l-attur ħareġ jistgħad filgħodu kmieni u l-magna bdiet tintefa' u kellu jistartja l-mutur *spare*. M'użahx aktar.

- Fil-5 ta' Marzu, 2012 l-appellant bagħat ittra formali ta' ilment lil BRP u lill-kumpanija appellanti fejn fiha niżżel b'mod kronoloġiku dak li kien ġara u talab ir-rifużjoni tal-prezz tal-magna (ara Dok AT39 f'paġni 251 sa 271 tal-proċess).
- Jirriżulta li l-attur qatt ma ħallas xejn għal dak li huma xogħlijiet, tiswijiet u tibdil għaliex il-magna kienet għadha taħt garanzija. Ħlief għal service li sarlu.

31. Qabelxejn, huwa ċar għal din il-Qorti li meta l-appellant fetaħ il-kawża l-garanzija kummerċjali ma kinitx għalqet. Il-kawża ġiet preżentata fil-11 ta' Mejju, 2012 u għalhekk proprju fil-ġurnata li kellha tiskadi l-garanzija skont kif maqbul. Jirriżulta wkoll li qabel din id-data kienet intbagħet ukoll ittra uffiċjali, barra l-bosta korrispondenza li ġiet mibgħuta bejn il-partijiet.

32. L-appellant jinsisti fuq il-garanzija legali, apparti l-garanzija kummerċjali; filwaqt li l-kumpanija appellata tgħid li kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li saret referenza għall-garanzija legali. L-Ewwel Qorti ma tirreferi mkien fis-sentenza tagħha għall-garanzija legali u għall-artikoli relevanti fl-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**.

33. Ma jistax ukoll jitwarrab il-fatt li kien hemm diġà sentenza tal-Qorti tal-Appell f'dawn il-proċeduri (li diġà saret referenza għaliha) li għarfet li l-kawża tal-lum ġiet ippreżentata kemm taħt l-**Artikolu 1390 tal-Kodiċi**

**Ċivili** (fejn tali azzjoni ġiet dikjarata preskritta); kif ukoll, taħt il-garanzija kuntrattwali. Kienet l-għażla tal-attur kif ippreżenta l-azzjoni tiegħu u din il-Qorti hija marbuta ma' dawk il-parametri, kif tgħid tajjeb il-kumpanija appellata.

34. Ġie mtenni li l-azzjoni hija dik li l-attur jagħżel li jiftaħ. Mhuwiex l-imħarrek li jiddeċiedi x'messha kienet il-kawża li tressqet kontrih, sakemm tibqa' mħarsa l-kwistjoni dwar jekk ikunux jikkonkorru r-rekwiżiti meħtieġa mil-liġi għall-azzjoni magħżula (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Diċembru, 1957 fil-kawża fl-ismijiet ***Benedetto Axisa v. Carmelo Galea*** (li hija sentenza fl-ambitu tal-azzjoni mnissla minn difett redibitorju). Min-naħa l-oħra, meta attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid jerfa' r-responsabbiltà għal dik l-għażla, fis-sens li jeħtieġlu jressaq provi biex jissostanzjaha, u jrid jistenna wkoll li l-imħarrek jiddefendi lilu nnifsu fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa. L-azzjoni, kif inhu mgħallem b'awtorità, tiddependi mill-mod kif inhi mfassla. Huwa wkoll prinċipju ewlieni fil-qies li għandha tieħu l-Qorti tas-siwi ta' azzjoni mibdija f'att taċ-ċitazzjoni li t-talbiet magħmulin mill-parti attriċi jintrabtu mal-premessi li jwasslu għal dawk it-talbiet (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Frar, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino v. Meridean Enterprises Company Limited***)

35. B'dan illi l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jirregola wkoll il-garanzija kummerċjali. L-**Artikoli 82, 85 u 88** ta' dan l-Att jaqraw hekk:

> *«**82**.Garanzija kummerċjali hija garanzija addizzjonali li tqiegħed lill-benefiċjarju ta' dik il-garanzija f'pożizzjoni iktar vantaġġuża minn dik stabbilita bil-liġi. Garanzija kummerċjali ma għandhiex tkun tolqot ħażin rimedji oħra li jkunu disponibbli taħt kull liġi oħra li tkun tirregola r-responsabbiltà li toħroġ minn kuntratt jew delitt.»*
>
> *«**85**.Garanzija kummerċjali u kull dritt mogħti lil konsumatur taħt il-garanzija ma għandhom b'ebda mod, sew dirett sew indirett,jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet ta' konsumatur taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra. Kull esklużjoni jew limitazzjoni simili li jiġu stipulati bi ksur ta' din il-projbizzjoni għandhom ikunu nulli u ineffettivi.»*
>
> *«**88**.It-tul ta' żmien ta' garanzija kummerċjali għandu jittawwal awtomatikament għal żmien daqsinsew dak li matulu l-garanti kellu l-oġġetti jew parti mill-oġġetti fil-pussess tiegħu sabiex iwettaq jew jesegwixxi l-garanzija kummerċjali jew bħala riżultat tar-rikjam tal-oġġetti jew parti minnhom mill-manifattur.»*

36. Relevanti għall-każ tagħna hija d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) (appell minn sentenza deċiża mit-Tribunal għall-Konsumatur) mogħtija fit-23 ta' April, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Mattocks v. KnK*** fejn ingħad:

> *«Huwa distingwibbli illi l-lanjanza tal-konjuġi Mattocks hi artikolata fl-ipotesi tal-mankanza tal-kwalità tal-oġġett komprat għar-raġuni li dan ma kienx hekk konformi għall-ftehim u ma kellux allura l-karatteristika essenzjali lilhom imwegħda. F'termini ta' konsiderazzjoni ċivili din il-qagħda tapprossima għal dik preskritta fl-**Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16**. Mill-ottika tal-liġi dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi (**Kapitolu 378**) din l-istess qagħda għandha r-riskontru tagħha fl-**Artikolu 73**[4] ta' dan l-Att li jipprovdi illi:*
>
> > *«l-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti (a) ikunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjant u jkollhom il-karratteristiċi, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oġġetti li l-kummerċjant ikun*

---

[4] Dan l-artikolu jirriżulta li ġie sostitwit permezz tal-**Att 1 tas-sena 2022**. B'dan li l-artikolu li huwa kkwotat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha kien l-artiklu fis-seħħ meta nxtraw id-*dinghy* u l-magna.

> *wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell»;*

> *L-istess Att ikompli jipprovdi illi: «in-nuqqas ta' konformità tesiġi rimedju mingħand il-kummerċjant. L-għażla tar-rimedju hi mħollija fid-disponibilita` tal-konsumatur li jista' jagħżel jew li l-oġġett jiġi riparat jew rimpjazzat jew li jsir diminuzzjoni fil-prezz jew anke r-rexxissjoni tal-kuntrattt għall-każ li n-nuqqas ta' konformità ma jkunux "minuri u insinjifikanti.» Dan b'applikazzjoni wkoll tal-**Artikoli 75 u 76 ta' l-Att**. Ara **Paul Ellul Bonici et v. United Automobiles Ltd**, Appell Inferjuri, 2 ta' Ottubru, 2009 u **Antoinette Abela v. International Sales Direct**, Appell Inferjuri, 28 ta' Jannar, 2008;*

> *Mill-punt di vista ġuridiku jassumi valenza notevoli u ta' l-ogħla livell il-kunċett tal-"bwona fede". Kif drabi oħra osservat, "dan mhux tant għaliex tali rekwiżit hu dejjem mistenni f'rapporti inter partes, u għal liema tirreferi d-disposizzjoni ġenerali fl-**Artikolu 993 Kodiċi Ċivili**, daqskemm l-istess rekwiżit hu wieħed bażiku u ċentrali fl-ambitu tad-dixxiplina tal-ħarsien tal-konsumatur". Ara in tema l-konsiderazzjonijiet minn din il-Qorti żvolti fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Pia Grech v. Mondial Travel**, 7 ta' Novembru, 2008. Jikkonsegwi illi n-nozzjoni oġġettiva tal-bwona fede hi parametru ġudizzjali ta' verifika tal-kontroversja u metru siewi ta' ġudizzju fuq il-fatti pprovati.»*

37. Sfiq ma' dan, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Natasha Grech v. G.I. Trading Limited***

> *«..hu aċċettat illi meta l-bejgħ ma jkunx skont dak imwiegħed ossia l-oġġett mixtri ma jkunx konformi għall-ftehim appattwit jew għax ukoll difformi għall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rċeva l-oġġett tal-bejgħ. Dan huwa hekk: "in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per ciò non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullità avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore". (**Commerciante Michele Grima v. Negoziante Arturo von Kohen**, Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgħ mhux konformi għall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Hanauer nomine v. Giovanni Maria Debono**, Appell Kummerċjali, 11 ta' Ottubru, 1915);*

> *Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinħass aktar f'materja ta' rapport kummerċjant-konsumatur skont ma jinżel mid-dispost tal-**Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**. L-intensità ta' dan il-provvediment għat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiż li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegħ illi l-*

> *oġġetti "ikunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummeċcjant u jkollhom il-karatteristiċi, il-fattizzi u l-kwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant ikun wiegħed jew xort'oħra ippreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell (subpara. "a"), ikunu adatti għall-iskop partikulari li għalih il-konsumatur ikun jeħtieġhom (subpara. "b"), ikunu adatti għall-iskop li għalih oġġetti ta' l-istess tip normalment jintużaw (subpara "c") u juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna ... (subpara "d");*
>
> *Terġa' f'dan il-każ speċifiku l-borom hekk mixtrija mir-rikorrenti kienu ggarantiti. Jingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Perito Architetto Vincenzo Zarb v. Barone Fc.Chapelle****, Appell Ċivili, 8 ta' Jannar, 1912, illi "gli effetti della garanzia nella vendita possono essere per convenzione, estesi o ristretti". Inoltre mbagħad jiġi puntwalizzat illi, "il-fatt li fuq id-dokument huma mniżżlin ċerti patti ta' garanzija, bħal fil-każ preżenti, ma huwiex biżżejjed, wħhdu, biex jeskludi l-garanizji aktar ampji li tagħti l-liġi, għax jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija għal dik biss li jkun espress fid-dokument b'esklużjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikun inkonċiljabbli mal-garanzija legali" (Ara* ***Joseph Cefai v. Carmelo Petroni et nomine****, Appell Kummerċjali, 28 ta' Ġunju, 1957. Ara wkoll s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Christopher Falzon v. Noel Gauci****, 12 ta' Ġunju, 2009;*
>
> *Fil-każ preżenti, kif hekk kien ukoll il-każ in re****: Dorianne Bartolo Vella v. Industrial Motors Limited****, Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2005, il-garanzija konvenzjonali pattwita kienet tikkostitwixxi mezz ta' tisħiħ għall-ħarsien tax-xerrej b'aġġunta ghal dawk iggarantiti mil-liġi sija jekk mill-ottika ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, sija jekk skont il-previżjoni tal-liġi speċjali fl-****Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378*** *fuq riportat.»*

38. Miżmum dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha li l-kwistjoni kienet li l-magna ma laħqetx l-aspettattivi tal-attur u mhux għaliex ma ħadmitx sew. Ħarsa lejn il-korrispondenza u għad-drabi li d-*dinghy* bil-magna ddaħħlu fil-garaxx tal-kumpanija appellata għal testijiet jew tiswija huwa wieħed esaġerat. Il-fatt li nbidlu bosta komponenti tal-magna fi ftit xhur minnu nnifsu wkoll juri li l-magna ma kinitx qiegħda taħdem kif suppost u kif imwiegħed mill-kumpanija appellata u fl-ispeċifikazzjonijiet li ċertament

ħajru lill-appellant biex jixtri din it-tip ta' magna.

39. Fl-ebda mument ma hemm korrispondenza li tagħti x'tifhem li l-ilmenti tal-appellant kienu frivoli, anzi huwa ovvju li ma setgħetx tinstab soluzzjoni għall-problemi li kienu qegħdin jinqalgħu lill-mutur. Li kieku kien mod ieħor, żgur li l-imġiba tal-kumpanija appellata kienet tkun differenti u l-istess għall-kumpanija barranija. Liema kumpanija se toqgħod tbiddel komponenti ta' magna għalxejn u ddaħħal *dinghy* bil-magna fil-garaxx tagħha biex isiru testijiet u xogħlijiet fuqu bi spiża li tbatiha hija, jekk tkun tal-fehma li l-ilment huwa bla bażi?

40. Jirriżulta li sabiex tipprova teħles mill-obbligi tagħha, il-kumpanija appellata qiegħda tgħid li għaliex daħal l-ilma fil-fjuwil (li fi kwalunkwe każ ma setax kien tort tal-appellant); li għaliex kien hemm użu żejjed tal-magna; u kif ukoll li l-appellant mhux dejjem qagħad għall-istruzzjonijiet tagħha. Il-kwistjoni tal-ilma fil-fjuwil jirriżulta li ftit daħal ilma fil-bidu nett u donnu mill-*email* ta' Tiber Toth (li saret referenza għaliha aktar 'il fuq) ma kinitx xi kwistjoni kbira. Dwar l-użu żejjed tal-magna ma jistax ma jingħadx li persuna tixtri oġġett biex tużah skont kif tixtieq. Mit-tifsira li tingħata fl-*operator's guide* ta' użu kummerċjali (għaliex il-kumpanija appellata baqgħet tinsinwa hekk jew tgħid li l-użu jqarreb hekk) ma jistax jiġi konkluż li l-appellant għamel użu mill-magna għall-użu kummerċjali. Għal dak li huwa użu mhux normali, fl-imsemmi ktejjeb ma nsibux definizzjoni.

X'aktarx iva milli le billi jissemmew li ma jkunx hemm ħtieġa ta' manutenzjoni għall-ewwel 300 siegħa jew tliet snin, wieħed jasal jgħid li l-użu prospettat huwa ta' bejn wieħed u ieħor mitt siegħa fis-sena u mhux ta' 50/60 siegħa fis-sena. Però fi kliem Darius Goodwin stess ma kien hemm xejn ħażin li l-attur għamel użu qawwi tal-magna billi l-garanzija tibqa' tgħodd iżda jkun hemm ħtieġa ta' aktar manutenzjoni. Ir-rappreżentant ta' BRP ma jsemmi xejn dwar dan l-użu eċċessiv li tinsisti ħafna fuqu l-kumpanija appellata. Barra minn hekk jidher li l-appellant huwa bniedem li jifhem fil-materja u b'hekk ma kienx se jagħmel xi ħaġa li tikkawża ħsara fuq il-mutur li huwa kien jeħtieġlu juża' spiss għad-delizzju tiegħu.

41. L-appellant kien paċenzjuz u dejjem fittex li jasal bil-kelma t-tajba. B'kull rispett, billi huwa bniedem tekniku ma jfissirx li kellu xi obbligu li jsib is-soluzzjoni huwa għall-problemi (għalkemm xi kultant għamel hekk ukoll) u l-istess jingħad għal Profs Pulè. L-obbligu li tinsab soluzzjoni kien jaqa' fuq il-bejjiegħ. Barra minn hekk il-fatt li l-attur ma talabx għall-ħatra ta' Perit Tekniku lanqas m'għandu jkun ta' xi żvantaġġ għalih ladarba mill-provi li huwa ppreżenta l-Qorti kellha stampa ċara tas-sitwazzjoni.

42. Din il-Qorti rat ukoll ir-rapporti li ġġenerat il-magna stess. Huwa minnu li dejjem ġie rrappurtat: *«No Hard Faults Found»* imma minnu wkoll li jirriżulta minnhom li kien hemm ħela ta' żejt u li l-magna ma kinitx ittella'

*revolutions per minute* kemm jingħad fil-ktieb tal-ispeċifikazzjonijiet. Dan kollu jsaħħah mhux idgħajjef dak li jgħid l-appellant. Kif diġà ngħad, li kieku l-magna kienet qiegħda taħdem kif suppost ma kienx se jkun hemm daqstant tentattivi biex tinsab soluzzjoni u xogħlijiet u tibdil ta' komponenti b'xejn. Biss, il-fatt li l-kumpanija appellata wettqet dawn ix-xogħlijiet u tibdil ma jfissirx li wettqet l-obbligi kollha tagħha. Hekk kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Mejju, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Zammit v. Strand Electronics Limited,***

> *«F'każijiet ta' din ix-xorta, kif sewwa osservat mill-Qrati tagħna f'materja ta' xiri ta' apparati ġodda, "min iħallas il-prezz ġust ta' ħaġa ġdida ma għandux jiġi kostrett jikkuntenta ruħu b'ħaġa msewwija, kbira jew żgħira, kemm tkun dik it-tiswija" (**Perit Cavaliere Emmanuele Borg v. Carmelo Petroni nomine**, Appell Kummercjali, 29 ta' Jannar, 1954). "F'każ bħal dan talba għar-restituzzjoni tal-prezz jew għas-sostituzzjoni tal-ħaġa hija ġustifikata" (**Maria Rosa Muscat Baldacchino v. Edward Vincenti Kind nomine**, Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Ottubru, 1965). B'aktar qawwa dawn ir-riflessjonijiet għandhom jirċievu adeżjoni għat-tutela tal-konsumatur taħt il-Kapitolu 378 skond id-diversi dispożizzjonijiet tiegħu u dawk tar-rimedji provvduti.»*

43. Din il-Qorti għalhekk tqis li meta konsumatur jixtri xi oġġett għandu jistenna u għandu dritt li jikseb oġġett li huwa tajjeb, mingħajr problemi kemm jista' jkun, u li jista' jintuża skont kif imwiegħed mill-bejjiegħ u għall-istess skop. Ladarba l-magna tal-attur baqgħet ma ssewwietx b'mod li l-appellant jinqeda biha sewwa, anke jekk fil-garanzija kummerċjali hemm miktub dak li hemm miktub, ma jfissirx li m'għandux jirċievi lura l-prezz li ħallas u jkun intitolat għal danni li ġarrab. Dan meta jitqies dak li jipprovdi l-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**.

44. Fid-dawl ta' dan kollu dawn l-aggravji tal-attur appellant jistħoqqilhom li jintlaqgħu.

45. Imiss għalhekk li jiġu kwantifikati d-danni. L-attur qiegħed jitlob ir-radd lura tal-prezz, ċjoè €7,735.20. Magħdud ma' dan, l-attur qiegħed jitlob id-differenza fil-prezz bejn il-magna ġdida li xtara u l-magna tal-każ tagħna. Jirriżulta li l-appellant xtara mingħand Gasan Enterprises mutur ieħor fid-19 ta' April, 2012 għall-prezz ta' €8,288 (ara paġna 280 u 281 tal-proċess) u b'hekk hemm differenza ta' €552.80. L-appellant qiegħed jippretendi li jitħallas taż-żejt li nħela biex il-kumpanija appellata esperimentat fuq id-dgħajsa fl-ammont ta' €368. Qiegħed jitlob il-ħlas li għadda lill-Profs Pulè fl-ammont ta' €500; kif ukoll il-ħlas lura tas-*service* li għamlulu l-kumpanija konvenuta fuq il-magna li daqslikieku sar għalxejn għaliex il-magna xorta ma ħadmitx sew fl-ammont ta' €319.59 u fl-aħħar nett kont tal-avukat fl-ammont ta' €47.20.

46. Il-Qorti tqis li ħlief għall-ammont ta' €47.20, l-appellant għandu dritt għall-bqija tal-ammonti. Il-kont tal-avukat jista' jinġabar mal-ispejjeż ġudizzjarji. Il-bqija huma mistħoqqa u ġew ippruvati u fl-ebda ħin ma kienu kkontestati mill-kumpanija appellata inkwantu għal dak li huma valuri.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell ta' Adrian Theuma u għaldaqstant tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Jannar, 2020 u b'hekk filwaqt li tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta, tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi fis-sens li *ai fini* tat-tielet talba tikkundanna lill-kumpanija konvenuta trodd lura l-prezz ta' €7,735.20, filwaqt li għal dak li huma l-ħames u s-sitt talbiet tillikwida l-ammont ta' €1,740.39[5] u tikkundanna lill-kumpanija appellata tħallas l-ammont globali ta' €9,475.59, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż marbuta mas-sentenza tal-ewwel istanza u dawk tal-appell għandhom jinġarru kollha kemm huma mill-kumpanija appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

[5] €552.80 +€500 + €319.59+€368.